A.L. 106 ta' l-1995

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65) ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled,* Turisti, *Minibus* u *Unscheduled)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled,* Turisti, *Minibus* u *Unscheduled),* u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1991 dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled,* Turisti, *Minibus* u *Unscheduled),* hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 144 ta' l-1991.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fid-29 ta' Novembru, 1994.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafu (6) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (7) tiegħu, u minnufih wara l-paragrafu (5) għandu jidħol dan il-paragrafu (6) ġdid kif ġej:

"(6) Ebda detentur ta' liċenzja ta' *motor omnibus* li ġiet importata ġewwa Malta fi jew wara d-29 ta' Novembru, 1994, u liċenzjata sabiex tintuża għal servizzi ta' trasport *unscheduled,* bħala liċenzja ġdida b'żieda ma' l-għadd ta' liċenzji eżistenti qabel l-imsemmija data, ma għandu jippermetti li dik il-*motor omnibus* taħdem fit-trasport ta' tfal tal-iskejjel.".